# IL-QUDDIESA TAL-VĠILI

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta,**
**Isaija. Is 62, 1-5**

Minħabba f'Sijon ma nehdiex,
minħabba f'Ġerusalem ma niskotx.
Bħal dija għad tfeġġ il-ġustizzja tagħha,
Bħal torċa għad taqbad is-salvazzjoni tagħha.
Il-ġustizzja tiegħek għad jarawha l-ġnus,
u s-sebħ tiegħek jarawh is-slaten kollha.
b'isem ġdid għad isejħulek,
isem li għad jagħżlu fomm il-Mulej.
Għad tkun kuruna ta' ġmiel f'id il-Mulej
u dijadema ta' sultan f'id Alla tiegħek.

Ma jgħidulekx aktar 'Il-mitluqa',
anqas lil artek ma jseħħulha aktar 'L-imħarbta'.
Lilek għad isejħulek 'Għaxqti fiha',
u lil artek għad igħidulha "Għarusa';
għax il-għaxqa tal-Mulej fik,
u artek għad titgħarras.

Bħalma l-għarus jitgħarras xebba,
hekk jitgħarrsek il-Bennej tiegħek;
u bħalma l-għarus jitgħaxxaq b'għarustu,
hekk jitgħaxxaq bik Alla tiegħek.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 88**
**It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni. Salm 88**

Għamilt patt mal-magħżul tiegħi,
u ħlift lil David, il-qaddej tiegħi:
Nagħmel li n-nisel tiegħek jibqa' għal dejjem,
u li t-tron tiegħek jibqa' sħiħ f'kull nisel.

**R/. It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni.**

Hieni l-poplu li jaf igħajjat bil-ferħ,
li jimxi, Mulej, fid-dawl tal-ħarsa tiegħek.
B'ismek jithennew il-jum kollu,
u bis-sewwa tiegħek jitgħollew

**R/. It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni.**

Hu jsejjaħli: Missieri int,
Alla tiegħi u blata tas-salvazzjoni tieghi!
It-tjieba tiegħi fuqu nżommha għal dejjem,
u l-patt tiegħi miegħu jibqa' sħiħ.

**R/. It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli**
**Atti 13,16-17,22-25**

Meta ġie f'Antjokja tal-Pisidja, Pawlu qam fis-sinagoga, għamel sinjal b'idu u beda jitkellem: ' Nies ta' Israel, u intom ilkoll li tibżgħu minn Alla, isimgħuni! Alla ta' dan il-poplu ta' Israel għażel 'il missirijietna. Meta l-poplu kien igħix f'art barranija, fl-Egittu, Alla għamlu poplu kbir u ħarġu minn hemm bil-qawwa ta' driegħu. Meta mbagħad neħħa 'l Sawl, qiegħed 'il David bħala sultan tagħhom, li għalih ta' din ix-xhieda: 'Sibt 'il David, bin Ġesse, raġel skond qalbi li jagħmel dak kollu li rrid jien'. Hu minn nislu li Alla, skond il-wegħda tiegħu, ġieb għal Israel salvatur, li hu Ġesu'. Qabel il-miġja tiegħu, Ġwanni deher ixandar magħmudija ta' ndiema lill-poplu kollu ta' Israel. U meta kien wasal fi tmiem il-ħidma tiegħu, Ġwanni qal: 'Jien miniex dak li intom taħsbu li jien. Dan ġej warajja, u jien anqas jistħoqqli nħoll il-qorq ta' riġlejh'.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah Hallelujah**
Għada jinqered il-ħażen ta' l-art,
U jsaltan fuqna s-Salvatur tad-dinja.
**Hallelujah**

**L-EVANĠELJU**
**(Is-silta bejn il-parentesi tista' ma tinqarax)**
**Bidu ta' l-Evanġelju ta' San Mattew**
**Mt 1, 1-22**

(Ktieb in-nisel ta' Ġesu' Kristu, bin David, bin Abraham. Abraham nissel lil Iżakk, Iżakk nissel lil Ġakob, Ġakob nissel lil Ġuda, u 'l ħutu, Ġuda nissel lil Fares u lil Żaraħ, minn Tamar, Fares nissel lil Ħesron, Ħesron nissel lil Aram, Aram nissel lil Għaminadab, Għaminadab nissel lil Naħson, Naħson nissel lil Salmon, Salmon nissel lil Bogħoż minn Raħab, Bogħoż nissel lil Għobed, minn Rut, Għobed nissel lil Ġesse, Ġesse nissel lis-sultan David.
David nissel lil Salamun mill-mara ta' Urija, Salamun nissel lil Robogħam, Robogħam nissel lil Abija, Abija nissel lil Asa, Asa nissel lil Ġosofat, Ġosofat nissel lil Ġoram, Ġoram nissel lil Għużżija, Għużżija nissel lil Goatam, Ġoatam nissel lil Aħaż, Aħaż nissel lil Ħeżekija, Ħeżekija nissel lil Manasse, Manasse nissel lil Amon, Amon nissel lil Ġosija, Gosija nissel lill Ġekonija u lil ħutu; kien żmien l-eżilju f'Babel.
Wara l-eżilju f'Babel, Ġekonija nissel lil Salatjel, Salatjel nissel lil Żorobabel,

Żorobabel nissel lil Abihud, Abihud nissel lil Eljakim, Eljakim nissel lil Ażor, Ażor nissel lil Sadok, Sadok nissel lil Akim, Akim nissel Elihud, Elihud nissel lil Elgħażar, Elgħażar nissel lil Mattan, Mattan nissel lil Ġakob, Ġakob nissel lil Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija, li minnha twieled Ġesu' li jsejħulu Kristu.
Mela n-nisel kollu kien: minn Abraham sa David, erbatax-il nisel. Minn David sa l-eżilju ta' Babel, erbatax-il nisel; u mill-eżilju ta' Babel sa Kristu, erbatax-il nisel.)
It-tnissil ta' Ġesu Kristu sar hekk: Ommu Marija, wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, ħarġet tqila bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu.
Żewġha Ġużeppi li kien raġel ġust u li ma riedx ixandarha quddiem kulħadd, għamel il-ħsieb li jibgħatha bil-moħbi tan-nies. Wara li qatagħha li jagħmel hekk, deherlu anġlu tal-Mulej fil-ħolm u qallu: "Ġużeppi, bin David, la tibżax tilqa' għandek lil Marija b'martek, għax dak li tnissel fiha ġie bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. Hi jkollha iben, u inti ssemmih Ġesu', għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom.''
Dan kollu ġara biex iseħħ li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal: "Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u jsemmuh 'Għimmanu-El''' li bi lsienna jfisser 'Alla Magħna'''.
Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej, u laqa' 'l martu għandu. U baqa' ma għarafhiex sa ma kellha iben, u semmieh Ġesu'.

*Jingħad il-Kredu. Fil-Kelmiet U ħa l-ġisem - sar bniedem ninżlu għarrkubbtejna.*

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir lilek Kristu**